MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Numru 32/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Carmel Vella**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-13 ta' Awissu 2007 kontra l-imsemmi Carmel Vella li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli f'Malta assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jikkommetti

omicidju volontarju f'Malta, u cioe` li dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, jikkagunalha l-mewt f'Malta;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tad-9 ta' Frar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat il-verdett tal-gurati li bih, bi tmin (8) voti favur u b'vot wiehed (1) kontra sabu lill-imsemmi Carmel Vella hati ta' l-uniku Kap tal-Att tal-Akkuza, u wara li rat il-verbal ta' l-istess jum li bih Dr. Roberto Montalto ghall-istess Carmel Vella ddikjara li huwa mhux qed jikkontesta l-addebitu li kkommetta reat iehor fiz-zmien operattiv ta' sentenza sospiza kif hemm fl-Att tal-Akkuza, (1) iddikjarat lill-istess Carmel Vella hati talli f'xi zmien, fil-granet u l-gimghat ta' qabel l-14 ta' Frar 2004, f'Malta assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta bil-ghan li jikkommetti omicidju volontarju f'Malta u cioe` li dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, jikkagunalha l-mewt, u dan skond l-Uniku Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza, u (2) qieset li rrizulta ukoll li l-hati kkommetta dan ir-reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza mposta mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminal fit-28 ta' Frar 2002, u ghalhekk ghandhom jigu applikati l-artikoli 28B u 28F tal-Kodici Kriminali;

**3.** Rat illi bl-istess sentenza l-ewwel Qorti, wara li rat l-artikoli 48A, 211(1)(2),
23, 28A, 28B, 28F u 31 (1) (b) (i) (ii) (iii) tal-Kodici Kriminali, ikkundannat lill-hati Carmel Vella ghall-piena ta' sitt (6) snin prigunerija. Inoltre, peress li skont l-artikolu 28B (3) tal-Kodici Kriminali, irrizulta lil dik il-Qorti li l-hati kkommetta dan id-delitt fil-perijodu operattiv ta' sentenza ta' prigunerija sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali b' sentenza tat-28 ta' Frar 2002, dik il-Qorti baghtet lill-hati biex dik il-Qorti tittratta mieghu dwar ir-reat li tieghu kienet sabitu hati skont il-ligi ;

**4.** Rat illi l-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-

prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti, u ezaminata mid-difiza, u wara li kkunsidrat is-segwenti:

**“Qieset is-sottomissjonijiet tal-abbli difensur Dr. Roberto Montalto, li jinsabu kollha registrati u cioe` illi f’dan il-kaz, peress illi kien l-akkuzat stess li fid-deposizzjoni tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti spontanjament ta informazzjoni li inkriminatu bl-akkuza li taghha issa nstab hati u stante li ghad jista’ jghin lill-Pulizija u lill-Prosekuzzjoni f’kawzi ohra kontra terzi persuni involuti u stante li hu stess, minn dak li qal, jidher li wara l-ftehim hass sodisfazzjon li l-pjan tieghu ma giex imwettaq u kien hemm “backing down”, kien il-kaz li l-Qorti taghti l-piena fil-minimu taghha.**

**“Qieset is-sottomissjoni tal-abbli prosekutur Dr. Lara Lanfranco, li tinsab registrata u cioe` li, ghalkemm ir-reat kien wiehed serjissimu, il-prosekuzzjoni ma kinitx kontra li, fic-cirkostanzi, tinghata l-piena minima skond il-ligi u cioe` dik ta’ sitt (6) snin prigunerija.**

**“Ikkonsidrat:**

**“Illi skond l-artikolu 48A (3) tal-Kodici Kriminali, il-piena ghar-reat ta’ assocjazzjoni biex jigi kommess delitt, hija l-piena ta’ dak id-delitt imnaqqsa b’zewg gradi jew tlieta. Dan, skond l-iskala tal-pieni taht l-artikolu 31(1)(b)(i)(ii) u (iii) tal-Kodici Kriminali, iwassal ghall-parametri ta’ piena b’massimu ta’ ghoxrin sena prigunerija (tnaqqis ta’ zewg gradi mill-massimu) sa minimu ta’ sitt snin prigunerija (tnaqqis bi tlitt gradi fuq il-minimum).**

**“Issa f’dan il-kaz hu fatt li l-Pulizija qatt ma kienet tipprocedi kontra l-hati ghar-reat in dizamina, kieku ma kienx hu stess, minghajr ebda pressjoni ta’ hadd, li spontanjament ghazel li jaghti d-dettalji kollha tal-pjan u ftehim ma Joseph Grech li wasslu biex inkrimina lilu nnifsu fir-rigward tar-reat in dizamina. B’din l-informazzjoni inkriminanti hu gie wkoll ghin lill-Pulizija biex ikunu jistghu jipprocedu kontra Grech**

**ghall-istess reat li lum qed jiffaccja l-hati apparti r-reat ta' omicidju li qed jiffaccja l-istess Grech f'Att ta' Akkuza separat pendenti quddiem din il-Qorti.**

**"Ghalkemm ir-reat li tieghu nstab hati Carmel Vella huwa wiehed mill-aktar serji, dan il-fatt li hu inkrimina lilu nnifsu meta ma kellux ghalfejn ghaliex ma kienx qed jigi investigat hu, kif ukoll il-fatt li b'hekk ghin u jista' jghin fil-prosekuzzjoni ta' Grech ghall-istess reat, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fl-ikkalibrar tal-piena, li, fil-fehma ta' din il-Qorti, ghandha fic-cirkostanzi, tigi applikata fil-minimu taghha."**

**5.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carmel Vella pprezentat fit-3 ta' Marzu 2010 fejn talab li din il-Qorti thassar il-verdett tad-9 ta' Frar 2010 li bih gie misjub hati ta' l-uniku Kap ta' l-Att ta' Akkuza kif ukoll thassar is-sentenza appellata u minlok tordna illi tigi registrata fil-konfront tieghu dikjarazzjoni ta' mhux hati u konsegwentement tilliberah minn kull htija u piena; rat l-atti l-ohra tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li matul is-smiegh tal-kawza kien hemm irregolarita` procedurali jew interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi li kellha influwenza fuq il-verdett; (2) li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza; (3) li l-piena nflitta kienet wahda eccessiva. Din il-Qorti se tikkunsidra dawn l-aggravji *seriatim*.

**7.** Permezz ta' l-ewwel aggravju l-appellant jghid illi fl-indirizz tieghu l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien wiehed zbilancjat u partikolarment suggestiv lejn is-sejbien ta' htija billi kien jikkontjeni kummenti illi minn diversi aspetti kienu jxejnu jew jimminaw il-kredibilita` tad-depozizzjoni li huwa ta quddiem il-gurati. Jghid illi f'kull kawza x-xiehda ta' l-akkuzat hija prova sensittiva u delikata hafna izda f'dan il-kaz id-depozizzjoni tieghu *qua* akkuzat kienet wahda illi, mill-aspett ta' apprezzament ta' veracita` u verosimiljanza kellha tigi avvicinata b'mod ferm aktar kawt mis-soltu u dan stante illi l-kaz kollu, kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza, kien principalment jekk

mhux esklussivament ibbazat fuq ix-xiehda tieghu stess li ta quddiem il-Magistrat Inkwirenti dwar il-qtil ta' Patricia Attard u mbaghad fil-kors tal-guri. Huwa fil-fatt spicca akkuzat a bazi ta' fatti li hu biss kien jaf u li kien stqarr waqt investigazzjoni kontra Joseph Grech. L-appellant jghid li ta d-dettalji dwar il-kaz quddiem il-Magistrat Inkwirenti spontanejament u b'animu ta' ko-operazzjoni shiha "u mhux f'xi sforz biex jiskolpa ruhu minn xi responsabbilta` (liema responsabbilta` fil-fatt ma kien qatt assuma)."

**8.** L-appellant isostni illi l-kaz tal-prosekuzzjoni kien ibbazat fuq il-premessa illi huwa kien jaf b'dak kollu li kellu jigri fl-Ahrax tal-Mellieha minn qabel ma huwa mar hemm u dan, skont l-istess prosekuzzjoni, mill-interpretazzjoni tad-depozizzjoni guramentata moghtija quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Mill-banda l-ohra l-appellant adotta, *inter alia*, linja difensjonali fejn huwa argumenta illi dak li kien u li ried jispjega fid-depozizzjoni msemmija kien illi dak kollu li huwa kien sar jaf dwar l-episodju ta' l-Ahrax tal-Mellieha kien sar jafu minghand Grech izda wara li kienu sejrin mill-Ahrax tal-Mellieha. "Dan skond l-esponent kellu jirrizulta mill-istess depozizzjoni minnu moghtija fl-inkjesta izda fid-dawl ta' l-ispjegazzjonijiet jew l-elucidazzjonijiet minnu moghtija fix-xiehda tieghu quddiem il-guri."

**9.** L-appellant jghid illi huwa fid-dawl ta' dan kollu illi certi rimarki ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri "dwar kif u xhiex kellhom jemmnu u ma jemmnux il-gurati jew certi kummenti dwar it-tempestivita` o meno ta' certi spjegazzjonijiet fornuti mill-istess esponent dwar x'ried ifisser meta stqarr certu fatti kienu kummenti u rimarki bid-dovut rispett barra minn lokhom li ftit setghu servew hlief li jitfghu piz sproporzjonat u ngustifikat fuq id-difiza tieghu, li fil-fehma tieghu gabu fix-xejn linja difensjonali adottata mill-esponent kif proposta quddiem il-guri u li zgur kellhom effett mhux gustifikat fuq il-verdett eventwali."

**10.** Waqt it-trattazzjoni orali, id-difensur ta' l-appellant zied jghid ukoll illi, skont hu, kien hemm irregolarita` procedurali da parti ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri meta

ma gibidx l-attenzjoni tal-gurati ghal b'liema kawtela kellhom iqisu l-istqarrija ta' l-appellant u d-depozizzjoni li kien ta quddiem il-Magistrat Inkwirenti galadarba ma kienx hemm l-assistenza ta' avukat. Jghid li dan kien id-dmir ta' l-Imhallef sedenti u dmir li johrog mid-dispost ta' l-artikolu 519 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Minflok, l-Imhallef sedenti, dejjem skont id-difiza, zvija lill-gurati lejn l-istqarrija u d-depozizzjoni fl-inkjesta. Skont id-difensur ta' l-appellant, fuq din il-kwistjoni id-difiza ma kinitx adegwata.

**11.** Issa, l-artikolu 519 imsemmi jipprovdi illi huwa dmir tal-qrati ta' gustizzja kriminali li jipprovdu ghad-difiza gusta ta' l-imputati jew akkuzati (fit-test Ingliz: *"It shall be the duty of the courts of criminal justice to see to the adequate defence of the parties charged or accused"*). Dan ifisser illi dawk il-qrati ghandhom jassiguraw ruhhom illi imputat jew akkuzat ikun f'qaghda illi jiddefendi lilu nnifsu (kemm jekk personalment jew assistit) fir-rigward ta' imputazzjonijiet jew akkuzi dedotti kontra tieghu. Ma jfissirx illi d-difiza trid taghmilha l-Qorti, u li jekk difensur ma jkunx qajjem xi punt, allura tkun obbligata li tqajmu l-Qorti, u jekk ma tqajmux hi allura tkun naqset mid-dmir taghha a tenur ta' l-artikolu 519. U f'dan il-kaz l-appellant kien abilment difiz mill-Avukat Dottor Roberto Montalto.

**12.** Naturalment l-Imhallef li ppresjeda l-guri seta' fl-indirizz tieghu, kieku kien hemm ghalfejn, jirreferi ghall-fatt li l-istqarrija u depozizzjoni ta' l-appellant quddiem il-Magistrat Inkwirenti saru minghajr ma kien hemm l-assistenza ta' avukat. Difatti l-artikolu 465 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

**"Meta l-akkuza u d-difiza jaghlqu l-parti taghhom, l-imhallef jaghmel indirizz lill-guri, li bih ifissirlu x-xorta u l-elementi tar-reat migjub fl-att ta' l-akkuza, <u>kif ukoll kull punt iehor tal-ligi li f'dak il-kaz partikulari jkollu x'jaqsam mad-dmirijiet tal-guri</u>, u jigbor fil-qosor, bil-mod li jidhirlu mehtieg, ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin maghhom, ifisser lill-guri s-setghat li ghandu fil-kaz partikulari, u jaghmel kull osservazzjoni ohra li tiswa biex triegi u turi lill-guri kif**

**ghandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tieghu”** (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Blackstone fil-fatt jghid illi ***“there are occasions when the jury should be directed as to a defence which has not been raised by the evidence or by counsel.”*** [1] Jirreferi ghal zewg kazijiet bhala ezempji.[2] U jkompli:

**“These cases illustrate what has been described as the ‘invisible burden’ on the trial judge (S Doran, ‘Alternative Defences: the ‘invisible burden’ on the trial judge [1991] Crim LR 878). This burden arises where a potential defence has not been raised on the accused’s behalf, but there is a cogent, rather than speculative, evidential basis for its consideration (*Bonnick* (1978) 66 Cr App R 266). In such circumstances there is a burden upon the judge to raise such an alternative defence in his summing-up. Circumstances in which this may arise include cases where there is a partial defence to murder, such as provocation (see *Cascoe* [1970] 2 All ER 833 and *Johnson* [1989] 1 WLR 740) and cases where self-defenc is lurking in the abckground (see *Kachikwu* (1965) 52 Cr App R 538).”**

**13.** Fil-kaz in ezami din il-Qorti ma tarax li kien hemm *“a cogent evidential basis”* biex tirreferi ghall-fatt illi meta saret l-istqarrija mill-appellant u meta ddepona quddiem il-Magistrat Inkwirenti huwa ma kienx gie assistit minn avukat. Difatti meta l-appellant iddepona waqt il-guri huwa kien assistit minn avukat u meta kien qieghed jixhed ikkonferma li dak li xehed quddiem il-Magistrat Inkwirenti veru qalu hu. L-appellant fil-fatt ma jeskludix l-istqarrija u

---

[1] Blackstone’s Criminal Practice 2008, para. D17.34, p. 1735.

[2] “(a) In *Watson* [1992] Crim. LR 434, W was charged with buggery, which he denied. The Court of Appeal found that, although the defence of accident had not been raised, there was a duty on the judge to spell out that penetration must have been deliberate (but see *Johnson* [1994] Crim LR 376, where the Court of Appeal concluded to the contrary). (b) In *Phillips* [1999] All ER (D) 1372, P was charged with unlawful wounding contrary to the OAPA 1861, s. 20. The prosecution case was that P had deliberately attacked the victim with a knife and inflicted wounds upon her by way of retribution. P’s case was that the wounding had been accidental. The trial judge summed up on the basis that the defence was accident, mentioning self-defence only to dismiss it. The Court of Appeal held that the judge ought to have left the defence of self-defence to the jury.”

d-depozizzjoni li ta quddiem il-Magistrat Inkwirenti bhala provi. Sahansitra fir-rikors ta' appell jindika illi d-depozizzjoni in kwistjoni trid tigi kkunsidrata "fid-dawl ta' l-ispjegazzjonijiet jew l-elucidazzjonijiet minnu moghtija fix-xiehda tieghu quddiem il-guri". Ikun kontro-sens li l-appellant jirreferi ghall-istqarrija jew depozizzjoni tieghu imbaghad jghid illi kien hemm irregolarita` ghax l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma rreferiex ghall-fatt li ma sarux bl-assistenza ta' avukat. Wara kollox, meta saret referenza ghalihom waqt il-guri kien debitament assistit.

**14.** Kwantu ghall-ilment ta' l-appellant li l-Imhallef li ppresjeda l-guri kien zbilancjat, jigi osservat illi kull indirizz irid ikun bilancjat, u l-kaz tad-difiza ghandu jigi pprezentat b'mod adegwat. Rosemary Pattenden, fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation** (OUP 1990), tghid:

**"Whatever mode of summing-up the judge employs he must ensure that the defence is outlined fairly. How this is done is governed by open-ended rules. The judge must put the 'substance' of the defence, however weak, save where the accused has failed to discharge an evidential burden. '[T]hat does not mean to say he is to paint in the details or to comment on every argument which has been used or to remind them of the whole of the evidence which has been given…' (per Goddard LCJ, *Clayton-Wright* (1948) 33 Cr App R 22 p. 29). As the New Zealand Court of Appeal stressed in *R. v. Ryan* (per Richmond J., [1973] 2 NZLR 611 at p. 615): *'Each case obviously must be judged having regard to its own particular facts. In some cases it may be sufficient for the Judge to refer in the most general terms to the issues raised by the defence, but in others it may be necessary for him not merely to point out in broad terms what the defence is but to refer to the salient facts and especially those upon which the accused based his defence. Again, an election by the Judge to embark on a discussion of the evidence and inferences therefrom which are favourable to the Crown may throw upon him the duty of making some reference to***

***any important features of the case which militate against those inferences'.***

**"The summing-up, in other words, should look balanced, and any defence which is not merely fanciful or speculative, particularly in a homicide trial, must be put to the jury…The Judge can, of course, comment adversely on an unconvincing defence…" (pp. 178-180).**

**15.** Imbaghad f'Blackstone's Criminal Practice 2008 (para. D17.39, p.1736) naqraw:

**"It is the judge's duty to state matters 'clearly, impartially and logically', and not to indulge in inappropriate sarcasm or extravagant comment (*Berrada* (1989) 91 Cr App R 131)….**

**"However, provided he emphasises that the jury are entitled to ignore his opinions, the judge may comment on the evidence in a way which indicates his own views. Robust comments to the detriment of the defence case are permitted (e.g. *O'Donnell* (1917) 12 Cr App R 219, in which the judge described the accused's story as a 'remarkable one'), providing the judge is not so critical as effectively to withdraw the issue of guilt or innocence from the jury (*Canny* (1945) 30 Cr App R 143, in which the judge repeatedly told the jury that the defence case was absurd)."**

**16.** Issa, waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti d-difensur ta' l-appellant irrefera ghal xi brani fl-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri li, skont hu, holqu zbilanc kontra l-appellant. L-indirizz, pero`, irid jigi kkunsidrat fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat jekk setax sehh xi *"miscarriage of justice"*. Din il-Qorti fil-fatt ezaminat l-indirizz u hi sodisfatta li l-ilment ta' l-appellant mhuwiex gustifikat. L-Imhallef li ppresjeda l-guri ma eskluda bl-ebda mod il-liberta` ta' razocinju tal-gurati. Bil-mod kif indirizzahom huwa poggihom fl-ahjar posizzjoni possibbli, kemm ghal dik li hi ligi, kif ukoll ghal dawk li huma fatti, biex ikunu jistghu jaslu ghal verdett b'serenita` u bl-inqas

komplikazzjonijiet u konfuzjoni possibbli. Inoltre l-Imhallef li ppresjeda l-guri wera li huwa imparzjali fir-rigward tal-htija o meno ta' l-akkuzat u ma weriex preferenza jew ta aktar importanza lejn naha jew ohra. Konsegwentement l-ewwel aggravju qieghed jigi respint.

**17.** Permezz tat-tieni aggravju l-appellant jghid illi gie misjub hati hazin fuq il-fatti. Jghid li ma rrizultax sodisfacentement ippruvat illi huwa (i) kien lahaq ftehim ma' Josef Grech dwar *a concerted plan of action* ta' kif kellu jitwettaq l-omicidju ta' Patricia Attard; (ii) kellu l-intenzjoni specifika li jnehhi l-hajja ta' Patricia Attard jew li dolozament volontarjament qieghed il-hajja taghha f'periklu car.

**18.** Dan l-aggravju jirrikjedi apprezzament mill-gdid tal-provi. Ghalhekk, dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk il-gurati, ben indirizzati, setghux legalment u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li effettivament waslu ghaliha[3]. In ezekuzzjoni ta' din il-funzjoni taghha, hi ezaminat dettaljatament l-atti processwali, inkluzi t-traskrizzjonijiet kollha tax-xiehda, it-traskrizzjoni ta' l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, id-dokumenti esibiti u l-atti kollha tal-kumpilazzjoni. Inoltre hasbet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet tal-partijiet, u l-konkluzjonijiet taghha huma dawn li gejjin:

(i) M'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt gew posti ghall-konsiderazzjoni tal-gurati li kienu liberi l-hin kollu, u gew diretti f'dan is-sens

---

[3] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi kollha migjuba.

(ii) Il-gurati li, irid jigi sottolineat, kellhom il-vantagg li jaraw u jisimghu x-xhieda kollha, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li ngab a konoxxenza taghhom tul il-guri, wara ezami u kontro-ezami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu “l-imgieba, il-kondotta u l-karattru” tax-xhieda, u “tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta fattizzi ohra tax-xiehda”, u “jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz” (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semghu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza, u wara li gew ben indirizzati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, waslu ghal verdett ta’ htija dwar l-uniku Kap ta’ l-Att ta’ Akkuza.

(iii) Il-provi principali li kellhom quddiemhom il-gurati kienu d-depozizzjoni li l-appellant ta lill-Magistrat Inkwirenti fid-19 ta’ Frar 2004 u d-depozizzjoni tieghu waqt il-guri. Sabiex isibu l-htija kellhom jikkonkludu li l-appellant u Josef Grech kienu ppjanaw jew ftehmu xi sura ta’ azzjoni sabiex jitwettaq l-omicidju ta’ Patricia Attard.[4] Skont l-appellant, id-depozizzjoni li huwa ta quddiem il-Magistrat Inkwirenti ghandha tiftiehem fid-dawl ta’ l-elucidazzjonijiet li ghamel meta xehed waqt il-guri.

(iv) Jirrizulta illi fix-xiehda li ta waqt il-guri l-appellant ghall-ewwel ipprova jiddistanzja ruhu mill-istqarrijiet li kien diga` ghamel izda mbaghad ikkonferma li dak li nizzel il-Magistrat Inkwirenti veru qalulu lill-Magistrat.[5] L-appellant jghid illi d-dettalji li ta lill-Magistrat Inkwirenti kienu *with hindsight*. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, minn qari ta’ dik id-depozizzjoni, il-gurati setghu ragjonevolment jikkonkludu illi dawk id-dettalji ma kinux *with hindsight* izda proprju kif sehhew, u allura li l-appellant kien jaf ghaliex kienu telghin l-Ahrax tal-Mellieha.

---

4 Ara artikolu 48A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta: “L-assoċjazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda teżisti mill-waqt li fih xi sura ta’ azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni.”

5 Ara pagni 12 u 21 tat-traskrizzjoni tax-xiehda ta’ l-appellant.

(v) Fix-xiehda tieghu waqt il-guri, mistoqsi mill-Qorti jekk dak li qal lill-Magistrat Inkwirenti jaqbilx max-xiehda tieghu waqt il-guri, l-appellant wiegeb hekk: "Jaqbel imma jien sirt naf kollox tal-klandestini ahna u nezlin 'l isfel bil-karozza".[6] Is-segwenti bran imbaghad jikkorrobora li effettivament l-appellant kien konxju ta' dak li kien qieghed jigri:

"Pros: … Tridni nfakkrek x'ghidt issa? Trid infakkrek?
"Xhud: Jien kont ghidt l-istorja kollha.
"….
"Pros: Issa jekk nghidlek li fil-fatt inti kont taf mill-bidu x'kien ser jaghmel Josef Grech u mhux qallek wara, xi tghid?
"Xhud: Iva jien mill-bidu kont nafha.
"Pros: Eh kont tafha mill-bidu.
"Xhud: Sorry minuta, sorry wahda, imma mhux tal-klandestini."

L-istorja tal-klandestini hi semplicement l-istorja li Josef Grech qallu li uza biex biha jattira lil Patricia Attard lejn l-Ahrax tal-Mellieha, u cioe` sabiex taghmel vjagg bihom. Kienx jaf jew le l-appellant b'liema mod Grech kien se jattira lil Attard ma jeffettwax l-ghan principali, u cioe` sabiex din tinqatel.

(vi) Fix-xiehda tieghu waqt il-guri l-appellant sostna li dakinhar Josef Grech kien talbu jaghmillu pjacir u jmur mieghu biex ihalli l-karozza ghand l-*isprayer*. Ghand l-i*sprayer* ma marrux u xorta l-appellant baqa' jsostni li ma basarx ghalfejn Josef Grech riedu mieghu. Jghid li nduna wara li Josef Grech semmielu l-Ahrax. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-gurati setghu ragjonevolment jikkonkludu li dak li pprova jsostni l-appellant ma kienx verosimili galadarba l-kuntatt persistenti ta' Josef Grech ma' l-appellant kien unikament dwar il-qtil ta' Patricia Attard.

(vii) Ghalhekk is-sitwazzjoni fattwali kienet tali li l-gurati setghu ma jqisux verosimili l-kjarifikazzjonijiet u

---
[6] Ara pagna 21 *ibidem*.

elucidazzjonijiet li pprova jaghmel l-appellant waqt il-guri u konsegwentement jikkonkludu li huwa kien kompartecipi fl-assocjazzjoni biex tinqatel Patricia Attard, imqar jekk is-sehem tieghu kellu jkun biex isuq *getaway car*.

**19.** L-ahhar aggravju huwa dwar il-piena. Skont l-appellant il-piena minima kellha tkun ta' hames snin u mhux ta' sitt snin filwaqt illi dan kien kaz li kien jimmerita l-applikazzjoni ta' l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**20.** Issa, skont is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 48A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kull min jinsab hati ta' assocjazzjoni taht l-artikolu 48A jista' jeħel il-piena ghal delitt ikkunsmat li jkun l-ghan ta' l-assocjazzjoni, mnaqqsa b'zewg gradi jew tlieta. L-ghan ta' l-assocjazzjoni in kwistjoni kien ir-reat ta' omicidju volontarju u dan igorr mieghu l-piena ta' prigunerija ghall-ghomor. Jekk isir inzul bi tliet gradi ghalhekk il-minimu tal-piena jinzel (a tenur tas-subinciz (iii) tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 31 Tal-Kodici Kriminali) ghal piena ta' prigunerija ta' sitt snin. Jigifieri l-*minimum* applikabbli f'dan il-kaz huwa ta' sitt snin.

**21.** Biex jigi applikat l-artikolu 21 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jridu jezistu ragunijiet specjali u straordinarji. Din il-Qorti ma tarax li dawn jezistu fil-kaz in ezami u kwindi mhux il-kaz li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti ghal dik li hija piena.

**22.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------